**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Frar, 2018

Rikors Kongunt Nru : 461/17AL

**A B**
**u**
**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li gie guramentat miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

1. Illi l-partijiet kienu izzewgu fid-9 ta' Mejju tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (9/5/1995);

2. Illi l-partijiet kienu isseparaw legalment permezz tal-kuntratt tas-Separazzjoni taghhom datat 5 ta' Awissu tas-sena elfejn u hamsa, fl-atti tan-Nutar Dr Ivan Barbara, kopja hawn annessa;

3. Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien hafna iktar minn 4 snin;

4. Illi mhemm l-ebda pendenza bejn il-partijiet u mhemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

6. Illi skond il-klawsola numru hdax tal-Kuntratt tas-Separazzjoni, il-mara kienet iddikjarat li zammet il-kunjom B u hi tixtieq li issa tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe B;

7. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment;

Talbu ghar-ragunijiet hawn imsemmija li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet li zzewgu fid-9 ta' Mejju 1995, mahlul ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A(1) Kapitolu 16;

2. Tawtorizza lil mara tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe B;

3. Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Novembru, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-5 ta' Awwissu 2005;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi ir-rikorrenti A B talbet fir-rikors guramentat promotur sabiex il-Qorti tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' B;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti A B sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' B, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.